
Rivelazzjoni.



Niċċelebraw l-Evanġelju tas-Solennità ta' Ġesù Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu.

✝ *Fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu*

Hieni kull min jibża' mill-Mulej.

1 Niftħu qalbna *għall-Kelma t'Alla*

F' dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu. U quddiemu jinġabru l-ġnus kollha, u hu jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-nagħaġ mill-mogħoż: in-nagħaġ iqegħedhom fuq il-lemin tiegħu u l-mogħoż fuq ix-xellug.

Imbagħad is-Sultan jgħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu: **"Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja.** Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni".

Imbagħad iweġbuh il-ġusti: "Mulej, meta rajniek bil-ġuħ u tmajniek, jew bil-għatx u sqejniek? Meta rajniek barrani u lqajniek, jew għeri u libbisniek? Meta rajniek marid jew fil-ħabs u ġejna nżuruk?".

U s-Sultan iweġibhom u jgħid: **"Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi".**

Imbagħad jgħid ukoll lil dawk ta' fuq ix-xellug: "Morru minn quddiemi, misħutin, fin-nar ta' dejjem li tħejja għax-xitan u għall-anġli tiegħu. Għax jien kont bil-ġuħ u ma tmajtunix, kont bil-għatx u ma sqejtunix, kont barrani u ma lqajtunix, kont għeri u ma libbistunix, kont marid u fil-ħabs u ma ġejtux iżżuruni!".

Imbagħad huma wkoll iweġbuh: "Mulej, meta rajniek bil-ġuħ, jew bil-għatx, jew barrani, jew għeri, jew marid, jew fil-ħabs, u aħna ma waqafniex miegħek?". Iweġibhom imbagħad u jgħidilhom: "Tassew, ngħidilkom, dak li ma għamiltux ma' wieħed minn dawk iż-żgħar, anqas miegħi ma għamiltuh".

U dawn imorru fit-tbatija ta' dejjem u **l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem."** MT 25, 31-46

2 Riflessjoni *u talba*

i.

> *Imbagħad is-Sultan jgħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu: "Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja.*

Dak li poġġa l-pedament tas-Saltna
Dak li ħejjieha bħala l-uniku wirt tagħna
(mhux bħan-nar li tħejja għax-xitan)
jurina kif nagħżlu

bejn dak li jibqa' u dak li jinħaraq
bejn dak li denju għal ulied imbierka mill-Missier
u dak li mhux.

IRRIFLETTI

X'jgħinek tiżen bejn dak li jiswa u dak li ma jiswiex?

ii.

> *Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni". Imbagħad iweġbuh il-ġusti: "Mulej, meta rajniek bil-ġuħ u tmajniek, jew bil-għatx u sqejniek? Meta rajniek barrani u lqajniek, jew għeri u libbisniek? Meta rajniek marid jew fil-ħabs u ġejna nżuruk?"*

It-tnejn isaqsu "meta rajniek?".

Meta l-laqgħa mal-limitu tal-persuna l-oħra –
il-ġuħ, il-fraġilità, l-isfruttament, il-preġudizzju –
tqanqal fik risposta ta'
attenzjoni, kompassjoni, ġesti żgħar ta' dinjità,

hemm isseħħ rivelazzjoni
tal-ġenwinità tal-umanità tiegħek
tax-xebħ t'Alla li qed jieħu forma fik
tal-qawwa ta' min jibqa' jħobb anke minn fuq salib.

IRRIFLETTI

Fejn waqaft u weġibt għal-limitu tal-persuna l-oħra? X'tinnota?

iii.

> *U s-Sultan iweġibhom u jgħid: "Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi".*

Huwa biss lejn l-aħħar
li nindunaw li dak li ġie għandna mimli limiti
huwa s-Sultan.

U dik issalvana milli l-ġest ċkejken li nagħmlu
nagħmluh mhux għall-imħabba imma għall-gwadann
li nistgħu nieħdu mingħand is-Sultan.

IRRIFLETTI

Għal liema raġuni tagħmel it-tajjeb, tagħmel il-ġid, tieqaf ma' xi ħadd?

3 Missierna



KITBA TA'

Fr Jimmy Bonnici

Rettur tas-Seminarju tal-Arċisqof

Dan u aktar fuq
laikos.org